



2024/387

22.1.2024

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/387**

**tad-19 ta' Jannar 2024**

**li jemenda l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 fir-rigward tal-entrati għall-Kanada, għar-Renju Unit u għall-Istati Uniti fil-listi ta' pajjiżi terzi awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji tal-pollam u tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali")<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikoli 230(1) u 232(1) u (3) tiegħu.

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2016/429 jipprevedi li sabiex jidħlu fl-Unjoni, il-konsenji ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali jridu jkunu ġejjin minn pajjiż terz jew territorju, jew minn żona jew kompartiment tiegħu, elenkati f'konformità mal-Artikolu 230(1) ta' dak ir-Regolament.
- (2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692<sup>(2)</sup> jistabbilixxi r-reqwiziti tas-saħħa tal-annimali li l-konsenji ta' ċerti speċijiet u kategoriji ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali, li jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi jew territorji, jew minn żoni tagħhom, jew minn kompartimenti tagħhom fil-każ tal-annimali tal-akkwakultura, iridu jkunu konformi magħhom sabiex jidħlu fl-Unjoni.
- (3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404<sup>(3)</sup> jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom, li minnhom hu permess id-dħul fl-Unjoni tal-ispeċijiet u l-kategoriji tal-annimali, tal-prodotti ġerminali u tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692. Dawk il-listi u ċerti regoli ġenerali li jikkonċernaw dawk il-listi huma stabbiliti fl-Annessi I sa XXII ta' dak ir-Regolament.
- (4) B'mod aktar partikolari, l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jistabbilixxu l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom, li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni, rispettivament, ta' konsenji tal-pollam u tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa.
- (5) Il-Kanada nnotifikat lill-Kummissjoni dwar tifqigħa tal-influenza avjarja b'patoġeniċità għolja (HPAI) fil-pollam fil-provinċja ta' Quebec, li ġiet ikkonfermata fit-3 ta' Jannar 2024 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).
- (6) L-Istati Uniti nnotifikaw lill-Kummissjoni dwar tmien tifqigħat tal-HPAI fil-pollam fl-istati ta' California (3), Kansas (3), Missouri (1), u Wisconsin (1), li ġew ikkonfermati bejn it-28 ta' Diċembru 2023 u l-10 ta' Jannar 2024 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

<sup>(1)</sup> ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġjar wara d-dħul ta' konsenji ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 379, ELI: [http://data.europa.eu/eli/reg\\_del/2020/692/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/692/oj)).

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 tal- 24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 1, ELI: [http://data.europa.eu/eli/reg\\_impl/2021/404/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2021/404/oj)).

- (7) Wara dawn it-tifqigħat reċenti tal-HPAI, l-awtoritajiet veterinarji tal-Kanada u tal-Istati Uniti stabbilew żoni ristretti ta' mill-inqas 10 km madwar l-istabbilimenti affettwati u implimentaw politika ta' qerda biex jikkontrollaw il-preżenza tal-HPAI u jillimitaw it-tixrid ta' dik il-marda.
- (8) Il-Kanada u l-Istati Uniti sottomettew informazzjoni lill-Kummissjoni dwar is-sitwazzjoni epidemjoloġika fit-territorji tagħhom u dwar il-miżuri meħuda biex jevitaw aktar tixrid tal-HPAI.
- (9) Dik l-informazzjoni ġiet evalwata mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni tqis li, fid-dawl tas-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali fiż-żoni bir-restrizzjonijiet stabbiliti mill-awtoritajiet veterinarji tal-Kanada u tal-Istati Uniti, jenħtieġ li d-dħul fl-Unjoni ta' konsenji tal-pollam u tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-ġhasafar tal-kaċċa minn dawk iż-żoni jiġi sospiż sabiex jitħares l-istatus tas-saħħa tal-annimali fl-Unjoni.
- (10) Barra minn hekk, il-Kanada u r-Renju Unit ipprovdew informazzjoni aġġornata lill-Kummissjoni b'rabta mas-sitwazzjoni epidemjoloġika fit-territorji tagħhom fir-rigward tal-HPAI li wasslet għas-sospensjoni tad-dħul fl-Unjoni ta' ċerti prodotti, kif stabbilit fl-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.
- (11) Il-Kanada sottomettiet informazzjoni aġġornata dwar is-sitwazzjoni epidemjoloġika b'rabta ma' 10 tifqigħat tal-HPAI fil-provinċji ta' Alberta (4), British Columbia (2), Manitoba (1), Quebec (1), u Saskatchewan (2), li ġew ikkonfermati bejn l-1 ta' Novembru 2023 u l-5 ta' Diċembru 2023 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).
- (12) Ir-Renju Unit issottometta informazzjoni aġġornata dwar is-sitwazzjoni epidemjoloġika b'rabta ma' tifqigħa tal-HPAI fil-pollam fil-Gżejjer Orkney, l-Iskozja, li ġiet ikkonfermata fit-22 ta' Novembru 2023.
- (13) Il-Kanada u r-Renju Unit issottomettew ukoll informazzjoni dwar il-miżuri li haġu biex jevitaw aktar tixrid tal-HPAI. B'mod partikolari, wara t-tifqigħat tal-HPAI, dawn implimentaw politika ta' qerda sabiex jikkontrollaw u jillimitaw it-tixrid ta' dik il-marda, kif ukoll lestew ir-rekwiżit tat-tindif u tad-diżinfekzjoni wara l-implimentazzjoni tal-politika ta' qerda fl-istabbiliment tal-pollam infettat fit-territorji tagħhom.
- (14) Il-Kummissjoni evalwat l-informazzjoni sottomessa mill-Kanada u mir-Renju Unit, u tqis li pprovdew garanziji xierqa li s-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali li wasslet għas-sospensjoni tad-dħul ta' konsenji ta' ċerti prodotti fl-Unjoni miż-żoni kkonċernati f'dawk il-pajjiżi terzi, kif stabbilit fl-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404, ma għadhiex ta' theddida għas-saħħa tal-annimali jew għas-saħħa pubblika fl-Unjoni u li, għaldaqstant, jenħtieġ li jiġi awtorizzat mill-ġdid id-dħul fl-Unjoni ta' dawk il-konsenji miż-żoni kkonċernati tal-Kanada u tar-Renju Unit li minnhom kien ġie sospiż id-dħul fl-Unjoni.
- (15) Għalhekk, jenħtieġ li l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jiġu emendati biex titqies is-sitwazzjoni epidemjoloġika attwali fir-rigward tal-HPAI fil-Kanada u fir-Renju Unit.
- (16) Filwaqt li titqies is-sitwazzjoni epidemjoloġika attwali fil-Kanada u fl-Istati Uniti fir-rigward tal-HPAI, u sabiex jiġi evitat tfixkil bla bżonn fil-kummerċ mal-Kanada u mar-Renju Unit, jenħtieġ li l-emendi li għandhom isiru fl-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 permezz ta' dan ir-Regolament isiru effettivi bħala kwistjoni ta' urġenza.
- (17) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ u applikabbiltà**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Jannar 2024.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Ursula VON DER LEYEN

## ANNEX

L-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness V huwa emendat kif ġej:

(a) fil-Parti 1, it-Taqsima B hija emendata kif ġej:

(i) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringiela għaż-żona CA-2.205 hija sostitwita b'dan li ġej:

"CA Il-Kanada	CA-2.205	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU- LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		1.11.2023	12.1.2024";
------------------	----------	---	-------	--	-----------	-------------

(ii) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringieli għaż-żoni CA-2.207 sa CA-2.210 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"CA Il-Kanada	CA-2.207	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU- LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		4.11.2023	12.1.2024
	CA-2.208		N, P1		4.11.2023	12.1.2024
	CA-2.209		N, P1		6.11.2023	12.1.2024
	CA-2.210		N, P1		7.11.2023	12.1.2024";

(iii) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringieli għaż-żoni CA-2.215 u CA-2.216 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"CA Il-Kanada	CA-2.215	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU- LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		9.11.2023	12.1.2024
	CA-2.216		N, P1		15.11.2023	12.1.2024";

(iv) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringiela għaż-żona CA-2.222 hija sostitwita b'dan li ġej:

"CA Il-Kanada	CA-2.222	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU- LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		24.11.2023	12.1.2024";
------------------	----------	---	-------	--	------------	-------------

(v) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringiela għaż-żona CA-2.224 hija sostitwita b'dan li ġej:

"CA Il-Kanada	CA-2.224	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU- LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		27.11.2023	12.1.2024";
------------------	----------	---	-------	--	------------	-------------

(vi) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringiela għaż-żona CA-2.226 hija sostitwita b'dan li ġej:

"CA Il-Kanada	CA-2.226	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU- LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		5.12.2023	12.1.2024";
------------------	----------	---	-------	--	-----------	-------------

(vii) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringiela li ġejja għaż-żona CA-2.229 tiżdied wara r-ringiela għaż-żona CA-2.228:

<b>“CA</b> Il-Kanada	CA-2.229	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		3.1.2024”;	
-------------------------	----------	---	-------	--	------------	--

(viii) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringiela għaż-żona GB-2.327 hija sostitwita b’dan li ġej:

<b>“GB</b> Ir-Renju Unit	GB-2.327	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		22.11.2023	27.12.2023”;
-----------------------------	----------	---	-------	--	------------	--------------

(ix) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni US-2.607 sa US-2.614 jiżdiedu wara r-ringiela għaż-żona US-2.606:

<b>“US</b> L-Istati Uniti	US-2.607	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		28.12.2023	
	US-2.608		N, P1		3.1.2024	
	US-2.609		N, P1		3.1.2024	
	US-2.610		N, P1		3.1.2024	
	US-2.611		N, P1		5.1.2024	
	US-2.612		N, P1		4.1.2024	
	US-2.613		N, P1		10.1.2024	
	US-2.614		N, P1		10.1.2024”;	

(b) il-Parti 2 hija emendata kif ġej:

(i) fl-entrata għall-Kanada, id-deskrizzjoni li ġejja taż-żona CA-2.229 tiżdied wara r-ringiela għaż-żona CA-2.228:

<b>“Il-Kanada</b>	CA-2.229	Quebec- Latitude 45.73, Longitude -75.06 The municipalities involved are: 3km PZ: St-André-Avellin 10km SZ: Lochaber, Notre-Dame-de-Bonsecours, Notre-Dame-de-la-Paix, Papineauville, Plaisance, Ripon, Saint-Sixte, and St-André-Avellin”;
-------------------	----------	--

(ii) fl-entrata għall-Istati Uniti, id-deskrizzjonijiet li ġejjin taż-żoni US-2.607 sa US-2.614 jiżdiedu wara d-deskrizzjoni taż-żona US-2.606:

<b>“L-Istati Uniti</b>	US-2.607	State of Missouri Audrain 01 Audrain County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 92.2741212°W 39.3645575°N)
	US-2.608	State of California Merced 08 Merced County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 120.8441855°W 37.4820235°N)

	US-2.609	State of California Sonoma 12 Sonoma County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 122.7405913°W 38.3529386°N)
	US-2.610	State of California Merced 09 Merced County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 120.8449531°W 37.4265541°N)
	US-2.611	State of Wisconsin Washburn 01 Washburn County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 91.9933817°W 45.8778434°N)
	US-2.612	State of Kansas Rice 04 Rice County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 98.3742750°W 38.4698459°N)
	US-2.613	State of Kansas Mitchell 05 Mitchell County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 98.4796205°W 39.4308983°N)
	US-2.614	State of Kansas Mitchell 06 Mitchell County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 98.4739033°W 39.4332684°N);

(2) fl-Anness XIV, fil-Parti 1, it-Taqsima B hija emendata kif ġej:

(a) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringieli għaż-żona CA-2.205 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"CA Il-Kanada	CA-2.205	POU, RAT	N, P1		1.11.2023	12.1.2024
		GBM	P1		1.11.2023	12.1.2024";

(b) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringieli għaż-żoni CA-2.207 sa US-2.210 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"CA Il-Kanada	CA-2.207	POU, RAT	N, P1		4.11.2023	12.1.2024
		GBM	P1		4.11.2023	12.1.2024
	CA-2.208	POU, RAT	N, P1		4.11.2023	12.1.2024
		GBM	P1		4.11.2023	12.1.2024
	CA-2.209	POU, RAT	N, P1		6.11.2023	12.1.2024
		GBM	P1		6.11.2023	12.1.2024
	CA-2.210	POU, RAT	N, P1		7.11.2023	12.1.2024
		GBM	P1		7.11.2023	12.1.2024";

(c) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringieli għaż-żoni CA-2.215 u CA-2.216 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"CA Il-Kanada	CA-2.215	POU, RAT	N, P1		9.11.2023	12.1.2024
		GBM	P1		9.11.2023	12.1.2024
	CA-2.216	POU, RAT	N, P1		15.11.2023	12.1.2024
		GBM	P1		15.11.2023	12.1.2024";

(d) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringieli għaż-żona CA-2.222 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"CA Il-Kanada	CA-2.222	POU, RAT	N, P1		24.11.2023	12.1.2024
		GBM	P1		24.11.2023	12.1.2024";

(e) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringieli għaż-żona CA-2.224 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"CA Il-Kanada	CA-2.224	POU, RAT	N, P1		27.11.2023	12.1.2024
		GBM	P1		27.11.2023	12.1.2024";

(f) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringieli għaż-żona CA-2.226 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"CA Il-Kanada	CA-2.226	POU, RAT	N, P1		5.12.2023	12.1.2024
		GBM	P1		5.12.2023	12.1.2024";

(g) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringieli li ġejjin għaż-żona CA-2.229 jiżdiedu wara r-ringieli għaż-żona CA-2.228:

"CA Il-Kanada	CA-2.229	POU, RAT	N, P1		3.1.2024	
		GBM	P1		3.1.2024";	

(h) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringieli għaż-żona GB-2.327 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"GB Ir-Renju Unit	GB-2.327	POU, RAT	N, P1		22.11.2023	27.12.2023
		GBM	P1		22.11.2023	27.12.2023";

(i) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni US-2.607 sa US-2.614 jiżdiedu wara r-ringieli għaż-żona US-2.606:

"US L-Istati Uniti	US-2.607	POU, RAT	N, P1		28.12.2023	
		GBM	P1		28.12.2023	
	US-2.608	POU, RAT	N, P1		3.1.2024	
		GBM	P1		3.1.2024	

US-2.609	POU, RAT	N, P1		3.1.2024	
	GBM	P1		3.1.2024	
US-2.610	POU, RAT	N, P1		3.1.2024	
	GBM	P1		3.1.2024	
US-2.611	POU, RAT	N, P1		5.1.2024	
	GBM	P1		5.1.2024	
US-2.612	POU, RAT	N, P1		4.1.2024	
	GBM	P1		4.1.2024	
US-2.613	POU, RAT	N, P1		10.1.2024	
	GBM	P1		10.1.2024	
US-2.614	POU, RAT	N, P1		10.1.2024	
	GBM	P1		10.1.2024".	